**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 15 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Mark Anthony Bonnici**

**Kump : 121/2020**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mark Anthony Bonnici**, detentur tal-karta tal-identità **68380(M)**, fejn gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-02 ta' Settembru 2019, l-granet, u l-gimghat ta' qabel, gewwa Triq ir-Ramla, Naxxar, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettejt serq aggravat minn ‘Green Skip Services Ltd’, u/jew propjeta’ ohra, ghad-detriment ta’ ‘Green Skip Services Ltd’, Dolores Sammut ID. 361654(M), Mary Gaerty ID. 655752(M) u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna;

2. Approprjajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; fejn il-haga fdata jew ikkunsinnata lilek giet minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek, jew minħabba depożitu neċessarju; fejn l-ammont ta’ ħsara magħmula hi aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000);

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ta’ l-4 ta’ Marzu 2020 (a folio 5) sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bir-rit sommarju;

Qieset id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fl-udjenza ta` llum stess fejn gie ritenut illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu (dik ta` serq aggravat) u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni fl-istqarrija, il-koperazzjoni assoluta da parti ta` l-imputat u addirittura l-ammissjoni tieghu bikrija f'dawn il-proceduri, u l-fatt mhux ta` ftit importanza li l-imputat, bhala kumpens ghat-telf, hallas lid-derubati somma ta` flus rapprezentanti l-valur tal-oggetti mertu ta` dan il-kaz.

**Konkluzjoni;**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(c)(d), 267, 268, 279(a), 280(1), 293, 294, u 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddisponi minn dan il-kaz bil-mod segwenti :

1. dwar it-tieni (2) imputazzjoni, dik ta` approppriazzjoni indebita, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha stante li hija akkuza u inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza;
2. izda ssibu hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah ghall-piena ta` prigunerija ta` sena (1) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija;

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Mark Anthony Bonnici, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur